KLR 12/VII/2013

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 19 ta' Diċembru 2013 fil-17.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Beppe Galea.

SKUŻAT:- il-membru Joe Debrincat.

L-ewwel parti tal-laqgħa ġiet preseduta mill-Viċi Sindku peress li s-Sindku kien skużat.

Il-Kunsill awgura lis-Sur Beppe Galea talli aċċetta n-nomina tal-Kunsill bħala Ambaxxatur tal-VOT 16 għall-lokalita' tar-Rabat Għawdex.

**1. Talba u approvazzjoni tal-minuti**

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

**Mill-Minuti**

Rigward l-offerta:- *Repaving of Pjazza Savina, Pjazza Indipendenza and other streets within the Victoria Urban Conservaton Area (Gozo) as part of the project "Setting up of an Integrated Cultural Heritage"*, il-preżenti ġew mgħarrfa li l-iskont ma kienx sostanzjuż u għaldaqstant kif sar qbil fil-laqgħa preċedenti, ser tinħareġ offerta oħra.

**2. Attivita' ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena**

Tressqu l-prezzijiet tal-kwotazzjonijiet li ntalbu rigward l-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena. Dawn skont dokumebnt A anness. Il-membri qablu li x-xogħol jingħata kif ġej:-

i. **Kera ta' dwal** lil Michael Buġeja b'opzjoni 1 li hi l-orħos bil-prezz ta' €890 għall-Pjazza Indipendenza u €700 għall-Pjazza San Ġorġ.

ii. **Kera ta' tined** lil Jean Paul Żerafa li hi l-orħos stima bil-prezz ta'€3185. Il-kunsillier Buttiġieġ ġibed l-attenzjoni u qal li hu ma jaqbilax li t-tinda ta' Pjazza Indipendenza tintrema biss fuq il-palk. Ta' min jinnota li t-tinda mhix ser tintrama fuq il-pajzza kollha minħabba li l-fondi huma limitati.

iii. **Kera ta' *sound*** lil Anontoine Debrincat li hi l-orħos stima bil-prezz ta' €7,250.

iv. **Kera ta’ palkijiet** mhix ser tingħata peress li l-palk ta’ Pjazza Indipeendenza ser jintrama b’xejn minn naħħa tat-Taqsima tal-Kultura. Il-palk ta’ Pjazzaa San Ġorġ ser jintrama minn Michael Buġeja bil-prezz ta’ €200.
Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li mill-iskema dwar inizjattivi ta’ attivitajiet 2013-2014 ġew approvati €7,000 u l-Coca Cola ser toffri *sponsor* ta’ €1,250.

**3. Evalwazzjoni tal-offerti li ġew sottomessi għas-servizz tat-tindif tal-latrini**

Dokumnet B anness juri l-prezzijiet offruti għal dan ix-xogħol. Saret il-kalkolazzjoni skont il-paga mininma fuq is-sigħat li ġew mitluba li jinħadmu fid-dokument tal-offerta. Fil-kundizzjonijiet speċifiċi hemm imniżżel (f’paġna 9 nota c) li l-kuntrattur irid jipprovdi medja ta’ 84 siegħa xogħol fil-ġimgħa. Il-kalkulazzjoni saret hekk:-

Paga minima ta’€162.20 fil-ġimgħa ÷ 40 siegħa = €4.055 kull siegħa X 84 siegħa = €340.62 fil-ġimgħa X 52 ġimgħa = €17,712.24 fis-sena. L-offerti li huma inqas minn din iċ-ċifra ma ġewx ikkunsidrati. L-orħos offerta qrib din iċ-ċifra hi ta’ Jason Farruġia bil-prezz ta’ €17,872.00. Għaldaqstant il-membri qablu li din l-offerta tingħata lil Jason Farruġia.

**4. Evalwazzjoni tal-offerti li ġew sottomessi għas-servizz tat-tindif tat-toroq**

Dokumnet Ċ aneess juri l-prezzijiet offruti għal dan ix-xogħol. Il-membri qablu li tingħażel l-orħos offerta li hi dik ta’ Nicholas Żammit bl-ammont ta’ €52,800.

Is-Sindku daħal fil-kamra u ppresieda l-laqgħa.

**5. *Performance Bonus***

Is-Segretarju Eżekuttiv ħalliet il-kamra waqt id-diskussjoni ta’ din l-*item*. F’dan il-ħin il-membri iddiskutew il-*performance bonus* ta’ l-istaff tal-Kunsill. Il-membri qablu li l-istaff jingħata l-massimu ta’ dan il-bonus. Dak tas-Seg. Ezekuttiv għandu jintbagħat lid-Dipartiment għal-Gvern Lokali għal approvazzjoni kif titlob il-liġi.

**6. Approvazzjoni tal-kontijiet**

Ġew approvati l-kontijiet pendenti skont dokument D anness.

**7. Immaniġjar tat-Traffiku - Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand *Transport Malta* (TM) rigward il-ħruġ tal-peremss:-

7.1 sabiex isiru *parking bays* fi Triq l-Universitas;

7.2 biex isir 1.5m *yellow line* quddiem 4, Triq Dun Pawl Micallef għall-aċċess tar-residenti;

7.3 għall-*parking bays* fi Pjazzetta Patri Akkursju Xerri. Minħabba li fil-pjanta li bagħatet TM l-parkeġġi mhux immarkati kif issuġġerixxa l-Kunsill, il-membri qalbu li TM għandha tiġi nfurmata b'dan u għal issa ma jinżebgħux *parking bays* fl-*area* imsemmija;

7.4 għall-*alighting/boarding bay* twila tmin metri, quddiem il-bieb tal-iskola *St. Francis* fi Triq taħt Putirjal. Din it-talba saret minn naħħa tal-Kap ta' din l-iskola.

TM ma ħarġitx il-permess għal-

7.5 *un/loading bay* quddiem il-ħanut Fabrix fi Triq l-Arċisqof Pietru Paċe;

7.6 *un/loading bay* quddiem il-ħanut D &P Mini-market fi Triq Santa Dminka;

7.7 *Parking for light vehicels only* għal quddiem Blokk G f'taċ-Ċawla H. E.

Il-membri qablu li jintalab il-permess għall:-

7.8 *bollard* u *double yellow lines* quddiem l-entraturi tal-ġnien ta' Triq Qasam San Ġorġ;

7.9 *parking bays* ġodda fid-daħla tal-Wied tal-Lunzjata qabel tibda l-arkata;

7.10 *parking bays* ġodda fi Triq Sir Arturo Mercieca;

7.11 *bollards* mal-bankina fil-kanturniera ta' quddiem 'Opal', fi Triq id-Dawwara.

7.12 Rigward permess li TM ħareġet biex jinżebaħ passaġġ biswit kaxxa nurmru 5 tal-monti, Jimmy Gauci li għandu din il-kaxxa allokata lilu, bagħat itta fejn qed jerġa jagħmel talba sabiex il-permess tat-TM jiġi revokat u l-passaġġ isir quddiem il-kaxxa tiegħu. Hu stess qed iħalli parti minn din il-kaxxa bħala passaġġ għal kulħadd. Biswit il-kaxxa numru 5 hemm siġra u ma jistax jintuża bħala passaġġ. Kopja ta' din il-korrispondenza għandha tintbgħat lit-TM sabiex tgħati l-parir tagħha.

**8. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

8.1 l-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ fejn il-Kunsill ġei mgħarraf li Mario Mifsud ġie assenjat mal-Kunsill sabiex jgħamel xogħol klerikali taħt l-iskema Xogħoll fil-Komunita';

8.2 Odette Camilleri Assistant Principal fil-Kunsill li talbet sabiex iġġedded il-*vaction leave* li ser jibqala minn din is-sena għas-sena d-dieħla. Dan jammonta għall-87.50 siegħa. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

8.3 Johann Said li talab permess sabiex isir iċ-ċirklu fil-grawnd tal-futbol Leli Farruġia bejn it-8 u t-12 ta' Jannar 2014. Il-membri ma sabux oġġezjoni dment li jġib n-*no objection* tal-klabbs tal-futbol u l-grawnd jitħalla fl-istat li hu.

8.4 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn bagħtu r-rapport dwar is-swieq fil-beraħ;

8.5 John B. Pace li kiteb dwar ħmieġ li qed ikun hemm fi Triq Salvatore Psaila. Il-Kunsill għamel ir-rapporti neċessarji u anke' poġġa *litter bin* għal użu tal-pubbliku f'din it-tirq;

8.6 il-MEPA rigward NP128/13 u NPR 129/13 li huma l-applikazzjonijiet sabiex jinżabbru s-siġar tal-parkeġġ il-kbir u tal-parkeġġ fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex. Billi hemm siġar minnhom li huma mejta l-MEPA qed tistaqsi jekk dawn hux ser jiġu mibudla ma oħrajn. Il-membri qablu li l-Kunsill jissuġġerixxi li s-siġar il-mejta jiġu mibdula u jittieħdu minn Pjazza Indipendenza.

**9. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

9.1 jintalab lill-Gvern Ċentrali sabiex issir bankina ġdida quddiem blokk appartamenti ġodda li nbnew fi Triq Mro. Dirjano Lanzon. Billi qatt ma kien hemm bankina din trid issir minn naħħa tal-Gvern;

9.2 jintalbu *sponsors* sabiex l-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena tixxandar *live* fuq Net TV;

9.3 fl-okkażjoni ta' egħluq il-ħmistax 'il sena mit-twaqqif tal-Kor Fjur t'Assisi fi ħdan il-komunita' tal-Patrijiet Kapuċċini, l-Kunsill ser jorganiżża attivita' żgħira li fiha m'għandiex tinqabeż is-somma ta' €100;

9.4 titranġa l-parti li qed iżżomm l-ilma fi Triq Mons. Ġużeppi Farruġia.

Il-laqgħa spiċċat fis-18.30 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar 2004 fil-17.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |